

# AĠENZIJA EWROPEA GĦAS- SIKUREZZA MARITTIMA: PUNTI EWLENIN

EMSA

Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

Stampa: ISBN 978-92-95032-90-3, doi 10.2808/12033, TN-01-22-247-MT-C
PDF: ISBN 978-92-95032-68-2, doi 10.2808/201854, TN-01-22-247-MT-N

Dan ir-rapport u kwalunkwe materjal assoċjat huma disponibbli online fuq
http://emsa.europa.eu/emsafe

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza Marittima 2022

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali. Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jkunx taħt id-dritt tal-awtur tal-EMSA, irid jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Immaġni fuq il-qoxra: © jpgfactory

Ir-riċerka mwettqa qabel il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fil-31 ta' Jannar 2020, u ppubblikata sussegwentement, tista' tinkludi data relatata mat-28 Stat Membru tal-UE. Wara din id-data, ir-riċerka tqis biss is-27 Stat Membru tal-UE (EU28 minbarra r-Renju Unit), sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Telefon: +351 21 1209 200
Email: http://emsa.europa.eu/contact/contacts.html
Sit web: http://emsa.europa.eu/

Publications Office of the European Union

# AĠENZIJA EWROPEA GĦAS- SIKUREZZA MARITTIMA: PUNTI EWLENIN

EMSA

## Introduzzjoni

L-ewwel edizzjoni tar-Rapport Ewropew dwar is- Sikurezza Marittima (EMSAFE), ippubblikata mill-Aġenzija Ewropea għas-g Sikurezza Marittima (EMSA), tikkoinċidi mal-20 anniversarju tal-Aġenzija. Ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva u fattwali lejn firxa wiesgħa ta' suġġetti dwar is-sikurezza marittima, kif ukoll analiżi fil-fond ta' oqsma tekniċi speċifiċi. L-EMSAFE jikkombina informazzjoni mill-bażijiet ta' data kollha ospitati mill-EMSA, eż., EMCIP, SafeSeaNet, THETIS, STCW-IS, u b'hekk joffri l-possibbiltà ta' analiżi trażversali tad-data u l-kisba ta' għarfien dettaljat dwar l-istatus tas-sikurezza marittima fl-UE.

L-EMSA tixtieq tirringrazzja lill-partijiet konċernati kollha li pprovdew kontribut u kummenti għal dan ir-rapport u dan għamlu aktar sinifikanti. B'mod partikolari, l-EMSA tapprezza l-kontribut provdut mill-Kummissjoni Ewropea (DĠ MOVE), mill-Istati Membri, IACS ECSA, ETF, SeaEurope, CLIA, IUMI, MARIN, DIMECC/OneSea, INTERTANKO, Wartsila, il-Kamra tat-Tbaħħir għal Ċipru u l-Assoċjazzjoni Rjali tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Olanda.

Dan id-dokument jiġbor fil-qosor il-kwistjonijiet ewlenin trattati fl-ewwel rapport tal-EMSAFE.

## It-trasport u s-sikurezza marittimi

It-trasport marittimu huwa ż-żejt fil-magna tal-ekonomija globali. Kważi 80 % tal-kummerċ kollu fid-dinja tal-merkanzija skont il-volum jiġi ttrasportat bil-baħar. Il-portijiet Ewropej huma fost l-aktar impenjattivi fid-dinja, u mmaniġġjaw 3,587 miljun tunnellata ta' merkanzija fis-sena fl-2019, 6 % aktar mill-2016. Fl-2019, 37 % tal-volum tal-kummerċ kollu kien jikkorrispondi għat-trasport domestiku u fl-UE. Barra minn hekk, aktar minn 418,8 miljun passiġġier imbarkaw u żbarkaw minn vapuri tal-passiġġieri fil-portijiet tal-UE fl-2019, 13 % aktar mill-2016.

Iżda l-aktar komponent essenzjali tat-trasport marittimu, li jsejjes il-funzjonament attwali tiegħu kif ukoll tal-progress futur tiegħu, huwa s-sikurezza. Il-qafas attwali tagħna għas-sikurezza marittima – kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-livell internazzjonali – evolva tul ħafna deċennji. Ħafna mill-iżvilupp ta' dak il-qafas ġie kkawżat minn inċidenti katastrofiċi individwali, li bdew bid-diżastru tat-Titanic aktar minn seklu ilu.

Peress li t-tbaħħir huwa internazzjonali b'mod inerenti, is-sikurezza tiegħu hija rregolata l-ewwel nett mill-Konvenzjonijiet Internazzjonali. Il-Konvenzjoni ewlenija dwar is-sikurezza, SOLAS 74, ġiet irratifikata minn 167 Stat u tkopri 98.89 % tat-tunnellaġġ kummerċjali dinji, perċentwal simili tal-flotta koperta minn żewġ konvenzjonijiet essenzjali oħra dwar is-sikurezza, COLREG u Linji tat-Tagħbija. F'termini ta' bastimenti tas-sajd, ġie żviluppat strument internazzjonali (il-Ftehim ta' Cape Town dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Torremolinos u l-Konvenzjoni), għalkemm bħalissa ma huwiex fis-seħħ.

## Il-baħħara u s-sikurezza

Il-baħħara kwalifikati huma essenzjali biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-operazzjonijiet tal-vapuri u huma essenzjali għall-futur tas-settur marittimu kollu kemm hu. Sal-aħħar tal-2019, 216 000 kaptan u uffiċjali kellhom ċertifikati ta' kompetenza (CoC) validi maħruġa mill-Istati Membri tal-UE, filwaqt li 120 590 kaptan u uffiċjali oħra kellhom is-CoC oriġinali maħruġ minn pajjiżi mhux tal-UE b'approvazzjonijiet maħruġa mill-Istati Membri tal-UE li jiddikjaraw ir-rikonoxximent (EaR) tagħhom. B'mod ġenerali, 330 000 kaptan u uffiċjali huma rreġistrati bħala ekwipaġġ potenzjali biex iservu abbord vapuri li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri tal-UE. Madankollu, **il-profil tal-età tal-baħħara qed jogħla**, u r-reklutaġġ u ż-żamma ta' dawk li jaħdmu abbord il-vapuri għadhom sfida għall-futur.

L-isforzi biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-baħħara, bħall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu (MLC), huma passi fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, iċ-ċifri mill-ispezzjonijiet tal-Kontroll mill-Istat tal-Port juru li **madwar 25 % tan-nuqqasijiet li nstabu huma relatati mal-element uman**, il-biċċa l-kbira tagħhom fi ħdan it-Titolu 4 tal-MLC, li jittratta l-kura tas-saħħa, il-protezzjoni tas-sikurezza u l-prevenzjoni tal-inċidenti tal-baħħara.

It-taħriġ tal-baħħara huwa parti importanti mill-proċess tas-sikurezza. Il-vapuri li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri tal-UE jista' jkollhom baħħara abbord li jkunu ġew edukati, imħarrġa, u ċċertifikati kemm fl-UE kif ukoll barra minnha. Il-valutazzjoni tal-konformità mal-Konvenzjoni STCW minn pajjiżi mhux tal-UE hija ċċentralizzata mal-Kummissjoni Ewropea, sabiex is-CoC ikun jista' jiġi rrikonoxxut mill-Istati Membri u, kif xieraq, ikunu jistgħu jitħallew jaħdmu abbord vapuri li jtajru bandiera ta' Stat Membru tal-UE. Il-Kummissjoni

Ewropea, assistita mill-EMSA li twettaq l-ispezzjonijiet meħtieġa fuq il-post, tivvaluta s-sistemi edukattivi implimentati f'pajjiżi mhux tal-UE f'isem l-Istati Membri tal-UE u f'konformità mal-Konvenzjoni STCW. Għal dan il-għan, **saru aktar minn 70 spezzjoni ta' amministrazzjonijiet marittimi, istituti ta' taħriġ u edukazzjoni f'pajjiżi terzi madwar id-dinja** biex tiġi vvalutata l-konformità tagħhom mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara (il-Konvenzjoni STCW). Bħala konsegwenza ta' dawk l-ispezzjonijiet, ġew rikonoxxuti 49 Stat mhux tal-UE.

Il-pandemija tal-COVID-19 – bil-baħħara li ma setgħux jitilqu jew jingħaqdu ma' vapuri, u f'xi każijiet, b'membri tal-ekwipaġġ u passiġġieri oħra infettati li ma setgħux jiżbarkaw u jirċievu kura tas-saħħa xierqa – uriet il-vulnerabbiltà tal-ħajja abbord il-vapuri u żiedet dimensjoni ġdida li għandha tiġi indirizzata.

Iż-żieda fl-awtomatizzazzjoni fuq il-vapuri tista' ġġib sfidi ġodda għall-baħħara; tip ġdid ta' tbaħħir se jirrikjedi kwalifiki ġodda. Għad irid jitqies ukoll jekk kwalunkwe tnaqqis possibbli tal-ekwipaġġ li jirriżulta minn awtomatizzazzjoni miżjuda jistax iżid ukoll l-għeja. Min-naħa l-oħra, l-awtomatizzazzjoni tista' ġġib opportunitajiet ġodda marbuta mat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol bil-possibbiltà tal-ħidma fuq l-art.

## Il-konformità

L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza marittima fl-UE hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri fil-kapaċitajiet tagħhom bħala Stati tal-bandiera, tal-port u kostali.

### L-Istat tal-Bandiera

Fl-2020, madwar 13 000 vapur b'numru tal-IMO ġew irreġistrati taħt l-Istati Membri tal-UE, minbarra l-bastimenti tas-sajd. Dan jirrappreżenta 14 % tal-flotta dinjija f'termini tan-numru ta' vapuri, u 18 % abbażi tad-daqs (imkejjel f'tunnellaġġ gross (GT), kejl tal-kapaċità tal-ġarr tal-merkanzija). Madwar 20 % tal-flotta dinjija hija proprjetà ta' ċittadini jew ta' kumpaniji tal-UE.

It-tipi ta' vapuri li jirrappreżentaw l-akbar proporzjon tal-flotta tal-Istati Membri tal-UE (li ma jinkludux bastimenti tas-sajd), huma bastimenti tax-xogħol oħrajn (30 %) segwiti minn vapuri tal-passiġġieri (19 %) u tankers (17 %) li minnhom, rispettivament, 45 % huma vapuri ro-ro tal-passiġġieri u 45 % huma tankers tal-kimika.

Il-flotta tal-UE qed tikber, iżda b'pass aktar bil-mod minn dak tal-flotta dinjija. Matul l-aħħar ħames snin, is-sehem tal-vapuri li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri tal-UE żdied bi 3.4 %, filwaqt li l-flotta dinjija żdiedet b'madwar 7 %.

L-età ta' vapur hija komponent importanti fis-sikurezza; din tiddefinixxi l-istandards ta' sikurezza li japplikaw għalih. L-età medja tal-flotta tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Stati Membri tal-UE) hija komparabbli ma' dik tal-flotta dinjija. Il-vapuri tal-passiġġieri u l-bastimenti ro-ro tal-passiġġieri huma l-eqdem tip ta' vapur fil-flotta tal-UE, b'età medja ta' 28 u 27 sena rispettivament, filwaqt li l-iżgħar fosthom huma l-bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa u t-tankers tal-gass, b'età medja ta' 10 snin, segwiti minn vapuri tal-kontejners b'età medja ta' 11-il sena u t-tankers tal-kimika b'età medja ta' 12-il sena.

Il-maġġoranza tal-bnadar tal-Istati Membri tal-UE jinsabu fil-lista l-bajda tal-MtQ ta' Pariġi, jiġifieri dawk b'rekords tas-sikurezza tajbin. Tnejn biss jinsabu fil-lista l-griża, jiġifieri, dawk b'xi kwistjonijiet ta' sikurezza u l-ebda waħda mil-lista s-sewda.

L-Istati tal-Bandiera qed jiddelegaw aktar u aktar kompetenzi, b'mod partikolari fl-eżekuzzjoni ta' stħarriġ statutorju, lil organizzazzjonijiet rikonoxxuti. Dan ifisser li parti mill-għarfien u l-esperjenza tal-Istati tal-Bandiera tal-UE qed tiġi esternalizzata b'mod effettiv, li jsaħħaħ l-importanza li jinżamm għarfien espert ċentralizzat tal-UE. L-Istati tal-bandiera huma responsabbli għas-sorveljanza tal-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet li rrikonoxxew, iżda l-awditi tal-Istati tal-bandiera (IMSAS) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) juru li, **fir-rigward tad-delegazzjoni tal-awtorità lil organizzazzjonijiet rikonoxxuti, l-aktar sejbiet rikorrenti huma relatati ma' nuqqasijiet fil-programm ta' sorveljanza tal-amministrazzjoni.**

Globalment, hemm 95 organizzazzjoni rikonoxxuti minn mill-anqas bandiera waħda, iżda **12 biss huma rrikonoxxuti mill-Unjoni Ewropea u jiġu spezzjonati regolarment mill-EMSA.** Matul il-pandemija tal-COVID-19, għall-ewwel darba sar stħarriġ mill-bogħod. Xi Stati tal-bandiera kienu favur li titkompla din il-prattika peress li tista' tiffranka kostijiet sinifikanti. Madankollu, in-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-proċeduri jista' jġib riskji għas-sikurezza. L-UE ħadet inizjattiva fil-livell tal-IMO biex tillimita l-użu ta'

stħarriġ mill-bogħod għal ċirkostanzi eċċezzjonali u tagħmlu soġġett għal kontroll fiżiku sussegwenti biex jiġi żgurat li ma jseħħ l-ebda tnaqqis fil-livell ta' sikurezza.

Peress li ma hemm l-ebda bażi ta' data ċentralizzata tal-ispezzjonijiet tal-Istati tal-bandiera, ma huwiex possibbli li jiġu analizzati n-nuqqasijiet li nstabu. Madankollu, **kważi 40 % tan-nuqqasijiet li nstabu fir-reġim speċjali għall-ispezzjonijiet tal-vapuri ro-ro tal-passiġġieri u tal-vapuri ta' veloċità għolja (HSC) huma relatati mas-sikurezza kontra n-nirien.**

## L-Istat tal-Port

Il-kontroll mill-Istat tal-port (PSC) jaħdem bħala t-tieni linja effettiva ħafna ta' verifika tal-implimentazzjoni. Ta' min jinnota hawnhekk il-ħidma mwettqa mill-ispetturi kollha tal-PSC fl-UE, **b'aktar minn 14 000 spezzjoni mwettqa kull sena**. Mill-anqas **nuqqas wieħed jinstab f'wieħed minn kull żewġ spezzjonijiet,** u aktar minn **50 % tan-nuqqasijiet kollha reġistrati huma relatati mas-sikurezza** (li jaqgħu taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS)). In-nuqqasijiet relatati mas-sikurezza kontra n-nirien huma rrapportati l-aktar ta' spiss, irrispettivament mit-tip ta' vapur.

L-ibħra tal-UE huma fost dawk l-aktar impenjattivi fid-dinja u dan għandu impatt dirett fuq is-sikurezza marittima. Fl-2020 kien hemm aktar minn 680 000 waqfa tal-vapuri fil-portijiet tal-UE, bi kważi kwart tal-vapuri li żaru l-portijiet tal-UE matul l-aħħar ħames snin li kienu jtajru bnadar minn barra l-UE, **kważi kollha (92 %) reġistrati għal pajjiżi fil-lista l-bajda tal-MtQ ta' Pariġi.** F'dak iż-żmien 5 % biss tal-vapuri li jtajru bandiera ta' Stat Membru mhux tal-UE li jżuru l-portijiet hawnhekk ġew irreġistrati għal pajjiżi fil-lista l-griża tal-MtQ ta' Pariġi u 3 % biss ġew irreġistrati għal pajjiżi bi kwistjonijiet ta' sikurezza aktar sinifikanti (il-lista s-sewda tal-MtQ ta' Pariġi). L-ewwel 3 vapuri li jtajru bandiera ta' Stat Membru mhux tal-UE li jżuru l-portijiet tal-UE ġew mill-Panama, Antigua u Barbuda, u l-Liberja.

Id-dikjarazzjoni ħażina ta' merkanzija perikoluża u niġġiesa (hazmat) toħloq riskju serju għall-ekwipaġġ, il-merkanzija u l-portijiet tal-akkoljenza. **Il-perċentwal ta' dikjarazzjonijiet ta' hazmat neqsin fl-2020 (fis-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti, SafeSeaNet) kien qrib id-9 % għall-vapuri li jitilqu mill-portijiet tal-UE, u 12 % għall-vapuri li jaslu minn portijiet mhux tal-UE**, rispettivament.

L-iżvilupp ta' sistema ta' Single Window Marittima Ewropea kompluta se jistabbilixxi l-pedament għal data aktar preċiża skambjata bejn l-atturi tat-tbaħħir, akkumpanjata minn tnaqqis fil-piż amministrattiv li attwalment huwa assoċjat mal-obbligi ta' rapportar. Dan se jagħmilha possibbli biex jittejbu l-kwalità, il-puntwalità u d-disponibbiltà tal-informazzjoni skambjata.

Il-waqfiet f'port fl-UE minn vapuri b'bandiera griża u sewda ta' Stati Membri mhux tal-UE




## L-Istat Kostali

L-Istati Kostali għandhom ċerti drittijiet u obbligi taħt diversi strumenti internazzjonali, wieħed mill-aktar kritiċi huwa t-Tiftix u Salvataġġ (SAR). Globalment u fl-UE, il-kompetenza fit-tiftix u s-salvataġġ tinsab fil-livell nazzjonali u taħdem permezz ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni f'reġjuni differenti tal-UE**. Il-biċċa l-kbira tal-attivazzjonijiet ta' SAR fl-UE (60 %) huma relatati ma' aċċidenti li jinvolvu bastimenti tas-sajd.**

It-tibdil fil-klima qed jiftaħ rotot ġodda fl-Artiku, mhux biss għat-trasport tal-merkanzija, iżda wkoll għat-trasport ta' passiġġieri abbord bastimenti tal-kruċiera (li qed jivvjaġġaw dejjem aktar lejn l-Antartiku wkoll). Dan għandu implikazzjonijiet ta' SAR f'dawn ir-reġjuni iżolati u li diffiċli jiġu aċċessati.

## L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni marittima tal-UE

Il-leġiżlazzjoni marittima tal-UE tiġi vverifikata regolarment permezz ta' żjarat imwettqa mill-EMSA f'isem il-Kummissjoni Ewropea. Saru aktar minn **200 żjara** minn meta l-EMSA ġiet stabbilita għall-ewwel darba fl-2002, kif ukoll aktar minn **300 spezzjoni** madwar id-dinja relatati mal-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti mill-UE. Iż-żjarat fl-Istati Membri huma ferm aktar minn sempliċi "verifiki ta' kontroll". Dawn jipprovdu lill-amministrazzjonijiet marittimi l-opportunità li jżidu l-effiċjenza billi jitgħallmu mill-aħjar prattiki li diġà jinsabu fis-seħħ fi Stati Membri oħra, u b'hekk jikkontribwixxu għat-titjib tal-prestazzjoni tas-sikurezza. L-analiżi orizzontali ta' ċiklu sħiħ ta' żjarat tipprovdi lill-amministrazzjonijiet b'parametru referenzjarju ta' sikurezza li fl-isfond tiegħu jistgħu jqabblu l-operazzjonijiet tagħhom stess, u b'hekk jikkontribwixxu għal armonizzazzjoni akbar. Dan jipprovdi wkoll lil-leġiżlaturi tal-UE b'feedback dirett dwar kwistjonijiet prattiċi li wieħed jiltaqa' magħhom meta jiġi implimentat id-dritt tal-Unjoni.

## L-inċidenti

Matul l-aħħar ħames snin**, seħħew medja ta' 3 200 inċident kull sena** abbord vapuri li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE, li teskludi, fost l-oħrajn, bastimenti tas-sajd b'tul ta' anqas minn 15-il metru. L-okkorrenzi b'konsegwenzi bħal telf ta' ħajja, telf tal-vapur kollu jew ħsara serja lit-tagħmir (serja ħafna) kienu jirrappreżentaw 2.4 % tal-inċidenti kollha rapportati. L-inċidenti b'konsegwenzi bħall-vapuri li saritilhom ħsara sal-punt li ma kinux xierqa biex jipproċedu, il-korrimenti serji jew il-ħsara mhux serja lill-ambjent (serja) kienu jirrappreżentaw total ta' 24.9 % tal-inċidenti kollha.

**Madwar 90 % ta' dawk kollha affettwati minn inċidenti fuq il-baħar f'dawn l-aħħar ħames snin kienu membri tal-ekwipaġġ; kien hemm 490 fatalità bejn l-2014 u l-2020**. L-ogħla għadd ta' fatalitajiet reġistrat seħħ matul inċidenti li kienu jinvolvu **bastimenti tal-merkanzija,** li huma l-aktar vapuri komuni fil-flotta, segwiti minn **bastimenti tas-sajd**, li għadhom l-aktar tip vulnerabbli ta' vapur fir-rigward tal-inċidenti.

Il-Postijiet ta' Rifuġju – żoni fejn jista' jmur vapur li jkun jeħtieġ assistenza biex jistabbilizza l-kundizzjoni tiegħu, u b'hekk inaqqas il-perikli għall-ħajja tal-bniedem u għall-ambjent – huma essenzjali meta jseħħu inċidenti fuq il-baħar. Il-Linji Gwida Operazzjonali tal-UE dwar il-postijiet ta' rifuġju u l-eżerċizzji ta' simulazzjoni regolari assoċjati jipprovdu għodod prattiċi għall-awtoritajiet f'dawn is-sitwazzjonijiet. Madankollu, **il-pandemija tal-COVID-19** uriet li l-kunċett ta' Post ta' Rifuġju, kif huwa ddefinit bħalissa, ma jakkomoda l-ebda kriżi umanitarja relatata mas-saħħa ta' din in-natura u, għalhekk, mekkaniżmu simili għal sitwazzjonijiet bħal dawn jista' jkun ta' valur miżjud.

## Żviluppi ġodda: is-sikurezza tal-vapuri u t-tagħmir marittimu

Iċ-ċiklu tal-proposta, tad-diskussjoni, tal-approvazzjoni u tal-implimentazzjoni ta' rekwiżiti ġodda tas-sikurezza huwa proċess kumpless u twil. Pereżempju, il-kwistjoni tan-nar fuq il-bastimenti ro-ro tal-passiġġieri ġiet enfasizzata għall-ewwel darba fl-2015 wara d-diżastru ta' Norman Atlantic li fih 11-il persuna tilfu ħajjithom. Madankollu, **huwa probabbli li l-istandards il-ġodda żviluppati biex jindirizzaw il-problema se jsiru obbligatorji biss fl-2026.**

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-istandards aġġornati **ma jiġux applikati b'mod retroattiv minħabba l-impatt ekonomiku u tekniku sproporzjonat tagħhom**, li jfisser li l-bidliet fis-sikurezza jistgħu jieħdu għexieren ta' snin biex ikollhom impatt fuq il-flotta ġenerali. Eżempju tajjeb huwa r-rekwiżiti tal-istabbiltà tad-danni għall-vapuri tal-passiġġieri. Analiżi tal-flotta li ttajjar il-bandiera tal-Istati Membri tal-UE turi li 40 % tal-vapuri tal-passiġġieri li qed joperaw bħalissa nbnew qabel l-1990. Minn dak iż-żmien, ir-rekwiżiti tal-istabbiltà tad-danni ġew aġġornati b'mod sinifikanti tliet darbiet.

L-aktar suġġetti rilevanti fuq l-aġenda attwali tal-UE dwar is-sikurezza jinkludu s-sikurezza kontra n-nirien fuq il-vapuri ro-ro tal-passiġġieri; il-ġarr ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv fuq il-vapuri; l-interfaċċa bejn it-trasport bit-triq u dak marittimu; in-nirien ta' merkanzija fuq vapuri tal-kontejners u t-telf tal-kontejners; kwistjonijiet ta' sikurezza marbuta ma' teknoloġiji emerġenti (bastimenti mingħajr ekwipaġġ) u r-reviżjoni ta' tliet Direttivi ewlenin tal-Unjoni Ewropea dwar l-Investigazzjoni ta' Inċidenti, il-Kontroll mill-Istat tal-Port u l-implimentazzjoni tal-Istat tal-Port.

Fir-rigward tal-flotta tas-sajd tal-UE, hemm qrib 75 000 bastiment reġistrat fl-EU-27. 3 % biss minnhom jinsabu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-UE dedikata għas-sikurezza ta' dawn il-bastimenti (tul ta' aktar minn 24 metru).

Barra minn hekk, minkejja li l-bastimenti tas-sajd jirrappreżentaw 17 % tal-għadd totali ta' vapuri involuti fl-inċidenti rapportati, **l-għadd ta' bastimenti tas-sajd mitlufin, jirrappreżenta aktar minn 55 % tal-għadd totali ta' bastimenti mitlufa**, xejra osservata f'dawn l-aħħar snin. Barra minn hekk, ir-rata ta' inċidenti serji ħafna u ta' inċidenti serji **hija ħafna ogħla għall-bastimenti tas-sajd** meta mqabbla mal-flotta ġenerali. Madwar 50 % tal-inċidenti kollha li jinvolvu l-bastimenti tas-sajd ġew irrapportati bħala serji ħafna jew serji, filwaqt li l-medja għall-kategoriji kollha tal-vapuri kienet ta' 27 %.

### Rata ta' okkorrenzi serji ħafna u serji għal kull tip ta' vapur




Fir-rigward tas-sikurezza tat-tagħmir marittimu, ta' min jinnota li l-Portal tad-Direttiva dwar it-tagħmir marittimu (MED) żviluppat mill-EMSA, b'aktar minn 190 000 entrata fix-xahar minn 5 412-il utent reġistrat madwar id-dinja, għandu verżjoni mobbli ġdida li tippermetti li t-tikketti elettroniċi jiġu skennjati. Dan jista' jkun ta' użu speċjalment għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u se jgħin biex titnaqqas il-possibbiltà li jkun hemm tagħmir mhux konformi abbord, peress li se jiffaċilita l-verifika tal-konformità.

## Żviluppi ġodda: is-sikurezza u s-sostenibbiltà

L-isforzi biex jintlaħqu l-miri tal-emissjonijiet bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew għandhom jimxu flimkien mal-isforzi biex il-vapuri jinżammu sikuri, speċjalment minħabba li l-użu ta' fjuwils ġodda (LNG, idroġenu, LPG, metanol, ammonja u bijofjuwils) u teknoloġiji tal-enerġija (batteriji u ċelluli tal-fjuwil) iġib miegħu riskji ta' sikurezza assoċjati.

Is-sistemi ta' tħaddim biċ-ċelluli tal-fjuwil għall-vapuri qed jiġu żviluppati bħala alternattiva għaċ-ċelluli u l-batteriji rikarikabbli. Iċ-ċelluli tal-fjuwil għandhom il-vantaġġ li ma jkunux jeħtieġu li jiġu ċċarġjati jekk ikompli jiġi pprovdut il-fjuwil, iżda jkollhom żvantaġġi f'termini tad-densità tal-enerġija baxxa tagħhom u r-riskji assoċjati mal-użu tal-idroġenu.

L-elettrifikazzjoni għandha titqies minn żewġ perspettivi differenti. Minn naħa waħda, il-vapuri li jidħlu fil-portijiet jista' jkollhom jikkollegaw ma' network tal-elettriku mix-xatt waqt it-tagħbija jew il-ħatt tal-merkanzija tagħhom. Din l-operazzjoni se ġġib magħha riskji assoċjati li wieħed jiltaqa' magħhom fl-interfaċċa bejn il-vapur u l-istazzjon tal-iċċarġjar fuq l-art. Fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea, l-EMSA qed tiżviluppa Gwida dwar l-Elettriku mix-Xatt, li prinċipalment tindirizza n-naħa tal-port, filwaqt li l-IMO qed tiżviluppa linji gwida li jiffukaw fuq in-naħa tal-vapur. It-tieni perspettiva tittratta l-installazzjoni ta' batteriji bħala sors ta' enerġija primarja fuq il-vapuri. F'dan ir-rigward, iridu jiġu kkunsidrati riskji speċifiċi u miżuri ta' sikurezza. L-EMSA ntalbet mill-Kummissjoni Ewropea biex tibda l-ħidma fuq dan is-suġġett flimkien mal-partijiet konċernati rilevanti.

Il-bidla għal fjuwils alternattivi ma hijiex limitata għat-trasport marittimu. It-trasport fuq l-art se jkun ukoll ta' importanza lejn is-sostenibbiltà biex jintlaħqu l-miri tal-emissjonijiet. Fl-UE, il-vetturi li jaħdmu b'mod alternattiv żdiedu b'29 % bejn l-2019 u l-2021, li jfisser li kemm il-vapuri tal-passiġġieri kif ukoll dawk tal-merkanzija jeħtieġ li jħejju ruħhom biex itaffu r-riskji għas-sikurezza tat-trasport ta' dan it-tip ta' vetturi.

## Żviluppi ġodda: is-sikurezza u d-diġitalizzazzjoni

Il-ħruġ ta' ċertifikati elettroniċi tal-vapuri (ċertifikati elettroniċi) għandu l-potenzjal li jgħaddi kisbiet sinifikanti fl-effiċjenza. F'dan il-każ, l-ispetturi jqattgħu

anqas ħin jiċċekkjaw il-karti abbord, u b'hekk ikunu jistgħu jiffokaw fuq il-kundizzjoni tal-vapur.

Iż-żieda fl-użu ta' sistemi abbord vapuri li jiddependu mid-diġitalizzazzjoni, l-integrazzjoni u l-awtomatizzazzjoni għandha riskju ċibernetiku assoċjat li jista' jkollu impatt fuq is-sikurezza tal-vapuri u ta' dawk abbord. B'mod ġenerali, iċ-ċibersigurtà tindirizza l-protezzjoni tas-servizzi diġitali minn attakki intenzjonati. Madankollu, hemm theddid għas-servizzi diġitali abbord vapuri minn azzjonijiet mhux intenzjonati u beninni, li jistgħu jaffettwaw is-sikurezza ġenerali tagħhom. Eżempji ta' dan jista' jinkludi falliment li jseħħ matul il-manutenzjoni tas-software u (nuqqas ta') korrezzjonijiet. Minkejja li issa huwa obbligatorju li jiġu inklużi r-riskji ċibernetiċi fi ħdan is-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sikurezza tal-vapur, l-implimentazzjoni u l-awditjar ta' miżuri biex jiġu indirizzati dawn ir-riskji abbord jistgħu jkunu ta' sfida għall-industrija u għall-amministrazzjonijiet nazzjonali.

## Żviluppi ġodda: is-sikurezza u l-awtonomija

L-awtomatizzazzjoni qed tiżdied fid-dinja marittima, u din iġġib magħha livelli differenti ta' awtonomija tal-vapuri. Il-vapuri awtonomi mhux biss joffru opportunitajiet ġodda għall-industrija, iżda jġibu wkoll sfidi (li jkun hemm sistemi ta' deċiżjonijiet biex jissostitwixxu t-teħid kritiku ta' deċiżjonijiet tal-ekwipaġġ fl-evitar ta' kolliżjonijiet, fir-reazzjoni għal, u fl-evitar ta' kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, fl-indirizzar tar-riskji taċ-ċibersigurtà, eċċ.). In-nuqqas ta' qafas leġiżlattiv xieraq (terminoloġija, responsabbiltà, standards, eċċ.) għalissa jista' jxekkel iż-żieda fl-awtomatizzazzjoni abbord il-vapuri. Madankollu, il-proċess tal-awtomatizzazzjoni huwa mistenni li jkun wieħed gradwali; huwa probabbli li, matul l-ewwel snin tal-operat, il-vapuri kontrollati mill-bogħod u awtonomi ħafna se jbaħħru fuq l-istess rotot u jidħlu fl-istess portijiet bħall-vapuri mgħammra b'ekwipaġġ b'mod tradizzjonali. Jistgħu jirriżultaw sfidi li jkunu diffiċli biex jiġu mbassra f'termini ta' stħarriġ, manuvri fuq il-baħar u fil-port, monitoraġġ tat-traffiku ibridu u l-kwalifiki u l-ħiliet ta' dawk abbord u fuq l-art, fost l-oħrajn.

## Konklużjonijiet

B'mod ġenerali, jista' jiġi konkluż li l-UE żviluppat sistema robusta tas-sikurezza marittima. Hemm ħafna sfidi quddiemna, iżda ħaġa waħda hija ċerta – it-tnaqqis tal-isforzi tagħna għas-sikurezza ma jistax jiġi kkunsidrat. Għall-kuntrarju, biex jiġi evitat ir-ritorn għall-era tat-tbaħħir substandard li wriet ruħha f'inċidenti bħal dak ta' Erika, jew ta' Prestige, l-UE għandha tkompli tinvesti fil-qafas tagħha tas-sikurezza marittima u ssaħħu.

Bħala l-ewwel saff ta' difiża, l-Istat tal-bandiera għandu rwol ċentrali. Iżda l-biċċa l-kbira tal-ħidma ta' stħarriġ ġiet iddelegata lil organizzazzjonijiet rikonoxxuti u, għalhekk, huwa essenzjali li jiġu żgurati monitoraġġ u sorveljanza xierqa fil-livell tal-UE. Il-prestazzjoni tat-tieni saff, il-PSC, hija notevoli, u r-riżultati tagħha jistgħu jiġu analizzati faċilment permezz tal-pjattaforma ta' informazzjoni THETIS.

Mil-lat tal-industrija, il-flotta tal-Istati Membri tal-UE qed tkompli tikber, għalkemm b'pass aktar bil-mod minn dak globali, u l-industrija tat-tagħmir marittimu tal-UE għandha pożizzjoni dominanti fid-dinja. Min-naħa l-oħra, it-tarzni tal-UE jkomplu jitilfu s-sehem mis-suq (li bħalissa għandhom biss 3 % tat-tunnellaġġ gross dinji) f'paragun mal-Asja.

F'termini ta' profil tal-età, l-età medja tal-flotta tal-UE hija simili għal dik tal-flotta dinjija. L-eqdem kategorija hija l-flotta tal-passiġġieri, b'età medja ta' 28 sena, filwaqt li l-bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa u t-trasportaturi tal-gass għandhom medja ta' 10 snin biss.

Il-baħħara kwalifikati huma essenzjali biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-operazzjonijiet tal-vapuri u huma essenzjali għall-futur tas-settur marittimu. Madankollu, il-profil tal-età tal-baħħara qed jiżdied, u r-reklutaġġ u ż-żamma ta' dawk li jaħdmu abbord il-vapuri għadhom sfida għall-futur. Fl-istess ħin, l-ispezzjonijiet tal-kontroll mill-Istat tal-port (PSC) juru li madwar 25 % tan-nuqqasijiet kollha li nstabu huma relatati mal-element uman.

Fir-rigward tas-sikurezza tal-vapuri, l-għadd ta' inċidenti qed juri xejra stabbli, bi tnaqqis sinifikanti fl-2020, x'aktarx minħabba l-impatt tal-COVID-19 fuq it-traffiku marittimu. Il-vulnerabbiltà tal-bastimenti tas-sajd, tal-vapuri kbar tal-passiġġieri, u tan-nirien fuq il-vapuri ro-ro tal-passiġġieri u fuq il-vapuri tal-kontejners huma wħud mill-akbar sfidi li għandhom jibqgħu jiġu indirizzati.

L-isforzi biex jintlaħqu l-miri tal-emissjonijiet bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew għandhom jimxu flimkien mal-isforzi biex il-vapuri jinżammu sikuri, speċjalment minħabba li l-użu ta' fjuwils ġodda (LNG, idroġenu, LPG, metanol, ammonja, u l-bijofjuwils) u t-teknoloġiji tal-enerġija (batteriji u ċelluli tal-fjuwil) iġib miegħu riskji ta' sikurezza assoċjati.

Id-diġitalizzazzjoni għandha l-potenzjal li ġġib effiċjenzi ġodda, biċ-ċertifikati elettroniċi għall-vapuri u t-tikketti elettroniċi għat-tagħmir marittimu bħala żewġ benefiċċji futuri possibbli. Huwa żgur ukoll li ż-żieda fl-awtomatizzazzjoni se ġġib magħha benefiċċji f'termini ta' opportunitajiet akbar għall-industrija marittima. Madankollu, l-awtomatizzazzjoni tista' tintroduċi wkoll sett ġdid ta' sfidi għas-sikurezza, kif ukoll ħtiġijiet ta' taħriġ u kwalifiki (tal-ekwipaġġ) aġġornati.

Kollox ma' kollox, is-snin li ġejjin se jaraw ħafna żviluppi li se jaffettwaw is-sikurezza marittima tal-UE. L-EMSA se tkompli tappoġġa lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Istati Membri, lill-industrija u lil partijiet konċernati rilevanti oħra biex issaħħaħ is-sikurezza fid-deċennji li ġejjin kif għamlet fl-ewwel għoxrin sena tal-eżistenza tagħha.



## Kif tagħmel kuntatt mal-UE

**Personalment**

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru tiegħek fuq: https://european-union.europa.eu/contact-eu_en.

**Bit-telefon jew bil-posta elettronika**

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Inti tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- fuq in-numru tat-telefon bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jistgħu jitolbu ħlas għal dawn it-telefonati)
- fuq in-numru standard li ġej: +32 22999696
- bil-posta elettronika fuq: https://europa.eu/european-union/contact_en.

## Kif issib informazzjoni dwar l-UE

**Online**

Informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web tal-Europa fuq:  https://europa.eu Pubblikazzjonijiet tal-UE Tista' tniżżel jew tordna pubblikazzjonijiet tal-UE mingħajr ħlas u anke bi ħlas fuq:https://op.europa.eu/publications Tista' tikseb bosta kopji ta' pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru lokali ta' informazzjoni tiegħek (ara https://european-union.europa.eu/contact-eu_en).

**Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati**

Sabiex ikollok aċċess għal informazzjoni legali mill-UE, inkluż il-liġi kollha tal-UE mill-1952 fil-verżjonijiet kollha tal-lingwi uffiċjali, żur EUR-Lex fuq: http://eur-lex.europa.eu.

**Data miftuħa mill-UE**

Il-Portal tad-Data Miftuħa tal-UE (http://data.europa.eu/euodp) jipprovdi aċċess għal settijiet ta' data mill-UE. Id-data tista' titniżżel u terġa' tintuża b'xejn, għal finijiet kemm kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.






# DWAR L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SIKUREZZA MARITTIMA

L-Aġenzija Ewropea għas- Sikurezza Marittima (EMSA) hija waħda mill-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni Ewropea. Ibbażata f'Lisbona, il-missjoni tal-Aġenzija hija li tiżgura livell għoli ta' sikurezza marittima, sigurtà marittima, prevenzjoni u rispons għat-tniġġis mill-vapuri, kif ukoll rispons għat-tniġġis tal-baħar minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass. L-għan ġenerali huwa li tippromwovi settur marittimu sikur, nadif u ekonomikament vijabbli fl-UE.

## Agħmel kuntatt għal aktar informazzjoni

**Aġenzija Ewropea għas- Sikurezza Marittima**
Praça Europa 4
Cais do Sodré
1249–206 Lisboa
Il-Portugall

Tel +351 21 1209 200 / Fax +351 21 1209 210
emsa.europa.eu / Twitter@EMSA_Lisbon